


# *Mons. Ġużeppi Lupi*

Jikteb Mario Formosa Holt

L-2014 hija s-sena ċentinarja mit-twaqqif tal-Filarmonika Stella Maris. Mitt sena ilu wkoll f'Tas-Sliema twieled dak li aktar tard f'ħajtu kellu jkun mhux biss saċerdot eżemplari iżda wkoll ta' ġieħ għall-Knisja Maltija.

Ġużeppi Lupi twieled f'tas-Sliema nhar it-28 ta' Settembru 1914, iben l-ispiżjar Alfredo Lupi u martu Emma xebba Martin. Wara li temm l-istudju tiegħu sekondarji, daħal is-seminarju u kompla bl-istudji tiegħu fl-universita' ta' Malta sabiex jipprepara t-triq li twasslu għas-saċerdożju. Fil-fatt mill-Universita' ggradwa D.D. u BL. Can u kien ordnat saċerdot nhar il-25 ta' Lulju 1937. Il-Prima Messa Solenni tiegħu fil-Knisja ta' Stella Maris iċċelebra nhar l-1 t'Awwissu 1937.

Wara l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu, Dun Ġużepp issokta bl-istudji tiegħu fl-universita' Gregorjana ta' Ruma fejn fl-1939 ingħata l-liċenzjat tal-Filosofija. Lura Malta sab tistennih il-kariga ta' prefett ta' L-istudji tas-seminarju, liema kariga żamm sa l-1977. Dun Ġużepp Lupi okkupa wkoll il-Kariga ta' Professur tal-Liturġija u tal-Patrologija fil-Fakulta' tat-Teoloġija tal-Universita' ta' Malta.

Wara li l-Arċisqof Gonzi ħatru Kanonku tal-Katidral kugitur ta' L-Isqof Manwel Galea, hu nħatar Kanonku Effettiv fl-1963. Fl-1981, il-Q.T. Il-Papa Pawlu VI tah l-onorifiċenza ta' Prelato d'Onore u erba snin wara ġie maħtur Dekan tal-Kapitlu Metropolitan. Huwa qeda dmiru wkoll bħala President tal-Kummissjoni Liturġika tad-Djoċesi, kif ukoll bħala segretarju tal-Konferenza Episkopali Maltija.

Mons. Lupi jibqa' mfakkar l-aktar għas-sehem tiegħu fir-riformi li ħarġu mit-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II. Huwa mhux biss ippublika it-tliet volumi tal-Liturġija iżda għamel it-traduzzjoni tal-kotba tal-Liturġija sabiex għall-ewwel darba l-poplu Malti jkun jista' jieħu sehem u jsegwi bl-ilsien tiegħu stess. Huwa anke qaleb għall-Malti l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika.

Dan is-saċerdot umli u dixxiplinat fil-Karattru tiegħu, filwaqt li ħaddem sew it-talenti li bihom kien imżejjen, ma naqasx mill-ħidma pastorali tiegħu. Ix-xiber tal-bniedem żgur ma jistax ikejjel il-ġid spiritwali li għamel. Min jaf kemm żgħażagħ xettlu fihom il-vokazzjoni saċerdotali bis-saħħa tiegħu! Għal żmien twil kien responsabbli mis-sezzjoni tal-ġuvintur ta' l-Azzjoni Kattolika fil-Parroċċa ta' Stella Maris, bis-sede tkun r-Regina Angelorum, illum ċ-ċentru parrokkjali. Kien ukoll għal diversi snin Direttur Spiritwali tal-Piccolo Clero fil-Parroċċa ta' Stella Maris. Jien li qed nikteb dawn il-ftit noti, ukoll kont abbati dak iż-żmien flimkien ma' numru ndaqqas ta' tfal mill-Parroċċa u għadni ngħożż kullma tgħallimt mill-Monsinjur. Għadni niftakar il-laqgħa li kien ikollna kull nhar ta' Sibt wara nofsinhar. F'din il-laqgħa li kien ikollna mhux biss taħriġ ta' kif inġibu ruħna waqt il-funzjonijiet(ma ninsewx li Mons. Lupi kien mustaċċun fejn tidħol il-Liturġija) iżda wkoll tagħrif dwar il-lezzjonijiet li kienu ser jinqraw l-għada l-Ħadd u dan kollu meta l-qari ma kienx għadu beda jsir bil-Malti.

Nerġa ntenni li żgur li dak li zera Mons Lupi fil-qalb ta' tant tfal u żgħażagħ ta' żmienu ma ntilifx.

Mons. Ġużeppi Lupi ħalla din id-dinja sabiex jingħaqad mal-Ħallieq nhar il-Ġimgħa 19 ta' Mejju 2000. Il-funeral li sarlu, kif kien xieraq fil-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris kien xhieda ħajja ta' kemm dan is-saċerdot kien "verament persunaġġ ta' fidi nisranija soda, ta' integrita' sħiħa, intelliġenza qawwija, umilta' u fl-istess ħin ta' dinjita' li ġġiblek suġġezzjoni ta' kliem meqjus u f'waqtu u kien jerfa' responsabbiltajiet kbar". Hekk iddeskrivih l-E.T. il-President Emeritus Ċensu Tabone fid-daħla tal-awtobijografija tiegħu li ġiet ippubblikata fl-2002.


SOC FILAR
SLIEMA
A.D. 1914
STELLA MARIS

